



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-21 ta' Mejju 2015¹

Kawża C-251/14

György Balázs

vs

Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság
(l-Ungerija)]

“Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Direttiva 98/70/KE — Kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil — Kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali ta' standard tekniku — Direttiva 98/34/KE — Proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi”

I – Introduzzjoni

1. L-ispeċifikazzjonijiet differenti dwar il-karburanti min-naħa tal-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu s-suq intern. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva dwar il-karburanti² hija intiża sabiex telimina ċerti ostakoli kummerċjali fil-qasam tal-karburanti permezz tal-iffissar ta' speċifikazzjonijiet. Anki l-politika Ewropea dwar l-istandardizzazzjoni, kif hija segwita mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni rikonoxxuti mill-Unjoni, bħala prinċipju għandha tiffaċilita l-kummerċ ħieles ta' oġġetti u servizzi³.
2. Standard dwar il-karburanti tad-diżil, adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (iktar 'il quddiem is-“CEN”) jinkludi, lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-karburanti, speċifikazzjoni dwar il-punt ta' fjamabbiltà tal-karburant tad-diżil. L-Ungerija ttrasferiet dan l-istandard tas-CEN għal standard nazzjonali li huwa applikabbli b'mod volontarju. Huwa biss meta dispożizzjoni Ungeriża tirreferi għal dan tal-aħħar li l-ispeċifikazzjoni tal-punt ta' fjamabbiltà għall-bejgħ tad-diżil minn pompi tal-petrol issir vinkolanti.
3. Fil-proċedura preżenti, għalhekk, qabelxejn titqajjem id-domanda dwar jekk in-natura vinkolanti ta' tali speċifikazzjoni hijiex kompatibbli mad-Direttiva dwar il-karburanti.

¹ — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

² — Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 23, p. 182), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE id-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 447).

³ — Ara l-Linji Gwida ġenerali għall-kooperazzjoni bejn is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI u l-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, tat-28 ta' Marzu 2003 (ĠU C 91, p. 7).

4. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-rekwiżiti tad-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi⁴ fir-rigward ta' dispożizzjoni nazzjonali, li tiddikjara bħala vinkolanti l-ispeċifikazzjonijiet inklużi fi standard.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva dwar il-karburanti

5. L-għan tad-Direttiva dwar il-karburanti huwa deskritt fil-premessa 1 tagħha:

“Billi d-differenzi bejn il-liġijiet jew il-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri fuq speċifikazzjonijiet ta' karburanti konvenzjonali u alternattivi użati minn vetturi mgħammra b'magni b positive ignition u li jaqdbu bil-kompresjoni joħolqu xkiel għall-kummerċ fil-Komunità u jistgħu b'hekk jaffettwaw direttament l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u l-kompettitività internazzjonali ta' l-industrija Ewropej tal-vetturi u tar-raffinar; billi skont id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3b tat-Trattat, jidher għalhekk meħtieġ li jkunu approssimati l-liġijiet f'dan il-qasam.”

6. Il-premessa 2 taqra:

“Billi l-Artikolu 100a(3) tat-Trattat jaħseb biex proposti tal-Kummissjoni mmirati għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u li jikkonċernaw, inter alia, is-saħħa u l-protezzjoni ta' l-ambjent ser jieħdu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni.”

7. Il-premessa 20 tipprovdi:

“Billi, sabiex titħares saħħet il-bniedem u/jew l-ambjent f'agglomerazzjonijiet speċifiċi jew f'żoni ekoloġikament sensittivi speċifiċi bi problemi speċjali ta' kwalità ta' l-arja, l-Istati Membri għandhom jitħallew, bla ħsara għall-proċedura stabbilita f'din id-Direttiva, jeħtieġu li karburanti jistgħu jkunu kkummerċjalizzati biss jekk jaqblu ma' speċifikazzjonijiet ambjentali aktar stretti minn dawk stipulati fid-Direttiva [...] [din il-proċedura tiddevja mill-proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni li kienet stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE.]”

8. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-karburanti jirregola l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u jistipula:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għal raġunijiet ta' saħħa u ambjent għal karburanti li jintużaw għall-vetturi mgħammra b'magni b positive ignition u magni li jaqdbu bil-kompresjoni.”

9. Il-kwalità tal-karburant tad-diżil hija rregolata fl-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva dwar il-karburanti:

“Mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri għandhom jiżguraw [...] illi l-karburant tad-diżil jista' jitqiegħed is-suq fit-territorju tagħhom biss jekk jikkonforma ta' l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali ddikjarati fl-Anness IV għajr għall-kontenut tal-kubrit li għandu jkun ta' massimu ta' 10 mg/kg.”

4 — Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE, tal-20 ta' Novembru 2006, li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta' merkanzija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 352M, p. 709).

10. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti jipprovdi għall-kummerċ ħieles tal-karburanti:

“L-ebda Stat Membru ma jista’ jipprojbixxi, jirrestrinġi jew jipprevieni t-tqiegħid fis-suq ta’ karburanti li jaqblu mal-ħtiġiet [rekwiżiti] ta’ din id-Direttiva.”

11. L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-karburanti jippermetti lill-Istati Membri li, suġġetti għal prerekwiżiti partikolari, jadottaw speċifikazzjonijiet relatati mal-ambjent iktar stretti minn dawk stipulati f’din id-direttiva.

12. L-Anness IV tad-Direttiva dwar il-karburanti jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-ambjent għal karburanti disponibbli kummerċjalment għall-użu fil-vetturi mġhammra b’magni tal-qbid bil-kompressjoni. Huma stabbiliti valuri limitu għall-parametri li ġejjin: in-numru taċ-ċetan, id-densità f’temperatura ta’ 15 °C, id-distillazzjoni, l-idrokarbonji poliċikliċi aromatiċi u l-kontenut tal-kubrit.

13. Id-Direttiva dwar il-karburanti ġiet emendata bid-Direttiva 2009/30/KE⁵ (iktar ‘il quddiem id-“Direttiva 2009/30”). Din id-direttiva emendatorja, skont l-Artikolu 5 tagħha, daħlet fis-seħħ 20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, jiġifieri fil-25 ta’ Ġunju 2009, u, skont l-Artikolu 4 tagħha, kellha tiġi implementata sal-31 ta’ Diċembru 2010. Din ma għandhiex tapplika fil-kawża preżenti, li toriġina minn kontroll fil-qasam tad-dazju tas-sisa tal-5 ta’ Ottubru 2009, billi l-Ungerija ttrasponiet għall-ewwel darba d-Direttiva dwar il-karburanti b’liġijiet adottati fis-snin 2010 u 2011⁶.

14. Madankollu, għandha tiġi enfasizzata l-premessa 31 tad-Direttiva 2009/30, billi din tirreferi għall-istandard CEN EN 590 li huwa kkonċernat f’din il-proċedura:

“Ikun xieraq li jiġi adattat l-Anness IV għad-Direttiva 98/70/KE biex ikun possibbli t-tqiegħid fis-suq ta’ karburanti tad-diżil b’kontenut oġhla ta’ bijokarburant (‘B7’) minn dak previst fl-istandard EN 590:2004 (‘B5’). Dan l-istandard għandu jiġi aġġornat kif meħtieġ u għandu jistabbilixxi limiti għall-parametri tekniċi mhux inklużi f’dak l-Anness, bħall-istabbiltà tal-ossidazzjoni, il-flash point, ir-residwu tal-karbonju, il-kontenut tal-irmied, il-kontenut tal-ilma, il-kontaminazzjoni totali, il-korruzzjoni tal-istrixxa tar-ram, il-lubriċità, il-viskożità kinematika, il-punt ta’ dardir, il-punt fejn jitwaħħal il-filtru kiesaħ, il-kontenut ta’ fosfru, l-indiċi tal-aċidu, il-perossidi, il-varjazzjoni fl-indiċi tal-aċidi, it-tniġġis tal-injettur u ż-żieda ta’ addittivi għall-istabbiltà.”

2. Id-Direttiva 98/34

15. Skont id-Direttiva 98/34, l-Istati Membri jridu jikkonsultaw mal-Kummissjoni qabel jadottaw regoli partikolari li jistgħu jirrestrinġu s-suq intern.

16. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 jinkludi d-definizzjonijiet essenzjali:

“(3) ‘speċifikazzjoni teknika’, speċifikazzjoni li tinsab f’dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta’ prodott bħalma huma l-livelli ta’ kwalità, ir-riżultat tal-ħidma, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi l-ħtiġiet li japplikaw għall-prodott rigward l-isem li bih il-prodott jinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-eżaminazzjoni u l-metodi ta’ l-eżaminazzjoni, l-imballaġġ, l-immarkar jew l-ittikkettjar u l-proċeduri ta’ stima tal-konformità. [...]

5 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta’ April 2009, li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, p. 88).

6 — Ara l-lista ta’ dispożizzjonijiet Ungeriżi għall-implementazzjoni ta’ din id-direttiva.

(6) ‘standard’: speċifikazzjoni teknika approvata minn korpi rikonoxxuti ta’ l-istandardizzazzjoni għal applikazzjoni mtennija jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li hija waħda minn dawn li ġejjin:

— [...];

— standard Ewropew: standard adottat minn organizzazzjoni Ewropea ta’ l-istandardizzazzjoni u magħmul disponibbli għall-pubbliku,

— standard nazzjonali: standard adottat minn organizzazzjoni nazzjonali ta’ l-istandardizzazzjoni u magħmul disponibbli għall-pubbliku;

[...]

(11) ‘regolament tekniku’, speċifikazzjonijiet tekniċi u ħtiġiet [rekwiżiti] oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, de jure jew de facto, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, il-forniment ta’ servizz, l-istabbiliment ta’ operatur tas-servizz jew l-użu fi Stat Membru jew f’parti l-kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri [...] li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta’ prodott, jew li jipprojbixxu l-forniment jew l-użu ta’ servizz, jew l-istabbiliment ta’ fornitur tas-servizz.

Ir-regolamenti tekniċi de facto jinkludu:

— il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ Stat Membru li jirreferu jew għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi [...] li l-ħarsien tagħhom jagħti preżunzjoni ta’ konformità ma’ l-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija iktar ’il fuq,

[...]”

B – *Standards Ewropej*

17. Is-CEN hija rikonoxxuta mill-Unjoni u mill-EFTA bħala organizzazzjoni Ewropea għall-istandardizzazzjoni⁷. Fl-1993, hija adottat għall-ewwel darba standard għall-karburanti tad-diżil Ewropej (EN 590:1993), li kien jipprevedi għal punt ta’ fjamabbiltà ammissibbli minimu ta’ 55 °C u kien stabbilit ukoll b’mod korrispondenti fl-istandards li ssostitwixxewh EN 590:1999, EN 590:2004, EN 590:2009 u EN 590:2013.

⁷ — Ara l-Linji Gwida ġenerali għall-kooperazzjoni bejn is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI u l-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, iċċitati fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 3, u l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta’ Ottubru 2012, dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 316, p. 12).

C – *Id-dritt Ungeriż*

1. Digriet Ministerjali dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għal karburanti tat-trasport

18. Id-Digriet Ministerjali 20/2008 tal-Ministeru għat-Trasport, it-Telekomunikazzjoni u l-Enerġija, tat-22 ta' Awwissu 2008, dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-karburanti tat-trasport (iktar 'il quddiem id-“Digriet Ministerjali”), jimplementa d-Direttiva 2003/17/KE li temenda d-Direttiva dwar il-karburanti⁸ (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 2003/17”) b'konformità mal-Artikolu 9(1)(C) tiegħu. Derogi mid-Direttiva ma humiex evidenti.

2. L-Att dwar l-istandardizzazzjoni nazzjonali

19. L-Artikolu 6 tal-Att XXVIII tal-1995 dwar l-Istandardizzazzjoni Nazzjonali (iktar 'il quddiem l-“Att dwar l-Istandardizzazzjoni Nazzjonali”) jirregola n-natura vinkolanti ta' standard nazzjonali kif ġej:

“(1) L-applikazzjoni ta' standard nazzjonali hija volontarja.

(2) Regola tad-dritt b'kontenut tekniku tista' tirreferi għal standard nazzjonali, li l-applikazzjoni tiegħu għandha titqies b'tali mod li anki r-rekwiżiti rilevanti tar-regola tad-dritt inkwistjoni jiġu ssodisfatti.

[...]”

3. L-Att dwar id-dazju tas-sisa

20. Il-punt 13 tal-Artikolu 110 tal-Att Nru CXXVII tal-2003 dwar id-dazju tas-sisa ta' monopolju u r-regoli speċjali dwar id-distribuzzjoni ta' oġġetti ta' monopolju (iktar 'il quddiem l-“Att dwar id-dazju tas-sisa”) jirregola, *inter alia*, il-bejgħ tal-bijodiżil:

“[...] Mit-tank tal-ħżin ta' pompi oħrajn [mhux minn pompi għall-provvista tal-ajruplani] jistgħu jinbiegħu biss żejt tal-gass bil-kodiċi tariffarju 2710 19 41, żejt tat-tisħin bil-kodiċi tariffarju 2710 19 41 u 2710 19 45, li jikkorrispondu mal-istandard Ungeriż fis-seħħ [...], u addizzjonalment [...] bijodiżil u E85 xieraq li jikkorrispondu mal-istandard Ungeriż fis-seħħ, u esklużivament permezz ta' pompa tal-fjuwil. [...]

[...]”

III – Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

21. Fil-5 ta' Ottubru 2009, l-awtorità amministrattiva tal-ewwel istanza wettqet kontroll tad-dazju tas-sisa fuq l-istokk tal-karburant tad-diżil ta' György Balázs.

22. Waqt l-analiżi ta' kampjun estratt ġie kkonstatat li l-punt ta' fjamabbiltà tal-karburant tad-diżil ma kienx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009. Fil-fatt, huwa kien 44 °C minflok 55 °C kif previst⁹. Fil-jum tal-kontroll fiskali, dan l-istandard ma kienx disponibbli bil-lingwa Ungeriża.

8 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Marzu 2003, li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 31, p. 160).

9 — Id-deċiżjoni tar-rinvju tindika, probabbilment minħabba żball fit-tajping, li l-istandard jipprevedi punt ta' fjamabbiltà ta' 53 °C.

23. L-Uffiċċju Reġjonali ta' Kiskörös tad-Direttorat tal-Finanzi għall-Amministrazzjoni tad-Dazji u t-Taxxi għall-kontea ta' Bács-Kiskun, fil-21 ta' Marzu 2013, ikkonstata li György Balázs kiser l-Att dwar id-dazju tas-sisa u kkundannah għall-pagament ta' multa fl-ammont ta' HUF 4 418 080 kif ukoll ta' dazji tas-sisa fl-ammont ta' HUF 883 616 u miżati tal-evalwaturi fl-ammont ta' HUF 58 900. Id-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali ta' Del-Alföld tal-Amministrazzjoni tat-Taxxi u Doganali kkonferma din id-deċiżjoni fit-13 ta' Ġunju 2013.

24. György Balázs qiegħed jikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (tribunal għall-kawżi amministrattivi u tax-xogħol ta' Kecskemét, iktar 'il quddiem il-“qorti tar-rinviju”). F'din il-proċedura, il-qorti tar-rinviju tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- 1) L-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70/KE 1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, minbarra l-kundizzjonijiet kwalitattivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali adottati abbażi ta' din id-direttiva, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timponi fuq id-distributuri tal-karburanti, kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali għal daww prewisti mid-direttiva?
- 2) Il-punti 6 u 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-ġħoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, għandhom jiġi interpretati fis-sens li, jekk regolament tekniku (f'dan il-każ, Digriet Ministerjali adottat skont awtorizzazzjoni leġiżlattiva) jkun fis-seħħ, l-applikazzjoni ta' standard nazzjonali stabbilit fl-istess qasam tista' tkun biss volontarja, jiġifieri li l-liġi ma tistax timponi l-applikazzjoni obbligatorja?
- 3) Il-kriterju tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-istandard nazzjonali skont il-punt 6 [tal-Artikolu 1] tad-Direttiva 98/34, huwa ssodisfatt minn regola li, fil-mument li, skont l-awtoritajiet, kellha tiġi applikata, ma kinitx disponibbli bil-lingwa nazzjonali?

25. G. Balasz, ir-Repubblika Ellenika, l-Ungerija u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub. Fis-seduta tat-23 ta' April 2015, barra minn hekk, ipparteċipa d-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali ta' Del-Alföld, filwaqt li G. Balasz u l-Greċja kienu assenti.

IV – L-analiżi legali

26. Fis-seduta, id-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali sostna li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju ma għandhom l-ebda rabta ma' din il-kawża. Bid-deċiżjoni li qiegħda tiġi kkontestata ntalbu biss dazji tas-sisa mhux imħallsin. Ma ġiex issanzjonat ksur tal-ispeċifikazzjonijiet għall-karburanti tad-diżil.

27. Jekk id-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali b'dan irid juri li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex rilevanti għad-deċiżjoni u għalhekk hija inammissibbli, kontra dan l-argument għandu jingħad li, fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-rilevanza tad-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju tgawdi minn prerogattiva evalwattiva li, bħala regola ġenerali, ma tiġix mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma jkunx hemm żball manifest¹⁰.

10 — Sentenzi Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 54) u Quelle (C-404/06, EU:C:2008:231, punti 19 u 20).

28. Id-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali, madankollu, fuq talba kkonċeda li r-riżultati tal-eżaminazzjoni dwar il-punt ta' fjamabbiltà ntużaw sabiex jiġi kkonstatat li G. Balasz iddistribwixxa karburant li huwa suġġett għal taxxa oġġla mill-karburant tad-diżil intaxxat. Konsekwentement, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-punt ta' fjamabbiltà xorta waħda huma ta' sinjifikat għad-distribuzzjoni tal-karburant ikkonċernat. Għal din ir-raġuni, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, anki fid-dawl tal-argument tad-Direttorat tal-Finanzi Reġjonali, diġà ma humiex evidentement mingħajr importanza għad-deċiżjoni tal-kawża pendenti.

29. Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għat-talba għal deċiżjoni preliminari.

A – Fuq l-ewwel domanda — rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tal-karburanti

30. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk l-Istati Membri, minbarra r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-karburanti, jistgħux jistabbilixxu kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali sabiex jitqiegħdu fis-suq il-karburanti tad-diżil.

1. Fuq id-deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti

31. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti, l-Istati Membri la jistgħu jipprojbixxu, la jirrestrinġu u lanqas jipprevjenu t-tqegħid fis-suq ta' karburanti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

32. Għall-kuntrarju tal-fehma tal-Ungerija u tal-Greċja, għalhekk, ma humiex stabbiliti biss rekwiżiti minimi. Għall-kuntrarju, wieħed għandu jaqbel mal-Kummissjoni li — bla ħsara għall-klawżola ta' salvagwardja tal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-karburanti¹¹ — hija ddikjarata projbizzjoni tal-ħolqien ta' ostakoli għad-dħul fis-suq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva¹².

33. Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-karburanti ma tirriżultax biss mill-kliem tagħha, iżda hija wkoll f'konformità mal-bażi legali tagħha u mal-għan apparenti tagħha li jirriżulta mill-premessi.

34. Id-Direttiva dwar il-karburanti, fil-fatt, oriġinarjament kienet adottata fuq il-bażi tal-kompetenza fil-qasam tas-suq intern tal-Artikolu 100A tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (iktar tard l-Artikolu 95 KE, illum l-Artikolu 114 TFUE). Anki l-emendi li sarulha sal-mument tal-kawża prinċipali, b'mod partikolari permezz tad-Direttiva 2003/17, seħħew fuq il-bażi tal-kompetenza fil-qasam tas-suq intern tal-Artikolu 95 KE. Fil-verżjonijiet kollha, din il-kompetenza tippermetti l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri. Għaldaqstant, il-premessa 1 tad-Direttiva dwar il-karburanti tistabbilixxi bħala l-għan tagħha l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, jiġifieri l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe differenza.

35. L-għan tad-Direttiva dwar il-karburanti, li jingħelbu ostakoli kummerċjali, ma jistax jintlaħaq jekk l-Istati Membri jkun libri li jestendu r-rekwiżiti dwar il-karburanti li huma previsti fiha. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-karburanti, għalhekk, ma għandhomx ikunu interpretati bħala dispożizzjonijiet minimi, iżda bħala regoli eżawrjenti¹³.

36. Ir-relazzjoni bejn ir-regola ta' projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti u l-klawżola ta' salvagwardja tal-Artikolu 6, li diġà hija prevista fil-kompetenza fil-qasam tas-suq intern, illum l-Artikolu 114(10) TFUE, issostni din l-interpretazzjoni: l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-karburanti jippermetti lill-Istati Membri, taħt kundizzjonijiet iddefiniti b'mod strett u bla ħsara għal

11 — Ara, dwar dan, il-punti 36 u 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 — Sentenza *Belgische Petroleum Unie et* (C-26/11, EU:C:2013:44, punti 33 u 36).

13 — Sentenzi *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* (278/85, EU:C:1987:439, punt 22) u *Cindu Chemicals et* (C-281/03 u C-282/03, EU:C:2005:549, punt 44).

proċedura ta' investigazzjoni Ewropea, jadottaw speċifikazzjonijiet iktar stretti b'rabta mal-ambjent. Dan huwa kkorroborat mill-ġdid permezz tal-premessa 20 tad-Direttiva dwar il-karburanti, li tispeċifika li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jstipulaw biss bla ħsara għal proċedura stabbilita f'din id-direttiva, illi l-karburanti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu jikkonformaw ma' speċifikazzjonijiet ambjentali iktar stretti minn daww stabbiliti b'din id-direttiva.

37. Dawn il-kundizzjonijiet stretti ta' deroga mid-Direttiva dwar il-karburanti huma neċessarji biss, għaliex fil-fatt hija ma tistabbilixxix rekwiżiti minimi, iżda bħala prinċipju hija eżawrjenti¹⁴.

38. Finalment, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Awtorità Reġjonali tal-Finanzi, ma hemm l-ebda raġuni biex bejjiegħa bl-imnut bħal G. Balasz jiċċaħħdu milli jinvokaw l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti. Għall-kuntrarju: l-Istati Membri jistgħu jevitaw din il-projbizzjoni mingħajr problemi jekk din ma tkunx tapplika għall-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva

39. Il-projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti, madankollu, hija ristretta għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva¹⁵. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, din għandha bħala suġġett speċifikazzjonijiet tekniċi *għal raġunijiet ta' saħħa u ambjent* għal karburanti li jintużaw għall-vetturi mġhammra b'magni b'positive ignition u b'magni li jaqdbu bil-kompressjoni¹⁶.

40. Minn din ir-relazzjoni mal-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-karburanti jirriżultaw żewġ konklużjonijiet.

41. Kif diġà spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża *Belgische Petroleum Unie et*, il-projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti ma għandhiex tinftiehem fis-sens tal-projbizzjonijiet globali ta' restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali. Għaldaqstant, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti ma jipprekludix kwalunkwe restrizzjoni għall-bejgħ ta' karburanti konformi mal-istandards, iżda jista' jirrigwarda biss speċifikazzjonijiet *tekniċi* tal-karburanti. Dan ifisser li, pereżempju regolamenti fil-qasam tal-prezzijiet, dispożizzjonijiet dwar il-pubbliċità tal-karburanti jew it-tassazzjoni tal-prodotti petroliferi ma jaqgħux taħt il-projbizzjoni ta' restrizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti¹⁷.

42. F'din il-kawża, dan għandu jkun issupplimentat bil-fatt li l-projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti lanqas qatt ma tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha tal-karburanti, iżda tirreferi biss għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmin fl-Artikolu 1 li huma bbażati fuq *"raġunijiet ta' saħħa u ambjent"*. Dan tikkonfermah il-premessa 2 tad-Direttiva dwar il-karburanti, fejn il-Kummissjoni, waqt il-proposta tagħha, kienet qiegħda tassumi livell għoli ta' protezzjoni fir-rigward tas-saħħa u tal-protezzjoni ambjentali, filwaqt li l-oqsma tas-"sigurtà" u tal-"protezzjoni tal-konsumaturi" msemmin f'dan ir-rigward fil-kompetenza fil-qasam tas-suq intern, ma jissemmewx.

14 — Ara s-sentenzi *Il-Kummissjoni vs Franza* (C-52/00, EU:C:2002:252, punti 19 u 20), *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* (C-154/00, EU:C:2002:254, punti 15 u 16) u *González Sánchez* (C-183/00, EU:C:2002:255, punti 28 u 29).

15 — Ara s-sentenza *Toolex* (C-473/98, EU:C:2000:379, punti 27 *et seq*) dwar leġislazzjoni relatata mas-sustanzi kimiċi.

16 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża *Belgische Petroleum Unie et* (C-26/11, EU:C:2012:480, punt 43).

17 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża *Belgische Petroleum Unie et* (C-26/11, EU:C:2012:480, punti 41 *et seq*).

43. Anki permezz tad-Direttivi 2000/17 u 2003/17 li emendawha, dawn iż-żewġ oqsma ma kinux inkorporati fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-karburanti¹⁸. Għall-kuntrarju, anki l-premessa 2 tad-Direttiva 2003/17 tibqa' ssemmi biss il-“protezzjoni tas-saħħa u ta' l-ambjent”. F'dan il-kuntest għandu jiġi preżunt li partikolarment il-kunċett tas-“sigurtà” huwa ta' interess speċjali fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-punt ta' fjamabbiltà tad-diżil, billi dan jinkorpora s-sigurtà teknika tal-oġġetti¹⁹.

44. Huwa minnu li d-Direttiva 2009/30, li hija l-iktar direttiva emendatorja reċenti, tinkludi wkoll regoli selettivi dwar addittivi metalliċi tal-karburanti, li l-Qorti tal-Ġustizzja assoċjat mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi²⁰. Madankollu, hemm dubji jekk dawn ir-regoli humiex intiżi għall-armonizzazzjoni eżawrjenti tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Barra minn hekk, dawn għadhom ma humiex applikabbli f'din il-kawża. Għaldaqstant, fil-proċedura preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex meħtieġa tesprimi ruħha dwarhom.

45. F'konformità ma' dan l-għan tad-Direttiva dwar il-karburanti, li huwa ristrett għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa, il-klawżola ta' salvagwardja tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar il-karburanti tippermetti sempliċement lill-Istati Membri, b'mod komplementari, sabiex jippreskrivu tali speċifikazzjonijiet *ambjentali* iktar stretti li jipproteġu s-“saħħa tal-popolazzjoni f'agglomerazzjoni speċifika jew l-ambjent f'żona speċifika sensittiva għall-ekoloġija jew l-ambjent”. Il-mira tal-miżuri tal-Istati Membri ammissibbli f'każijiet eċċezzjonali, fil-fatt hija wkoll ristretta għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa.

46. Għalhekk, id-Direttiva dwar il-karburanti ma tarmonizzax l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tal-aspetti relatati mas-sigurtà u mal-protezzjoni tal-konsumaturi.

47. Konsegwentement, huwa minnu li bħala prinċipju l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti jipprekludi r-regoli nazzjonali kollha li jirrigwardaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-karburanti bbażati fuq raġunijiet ambjentali u ta' saħħa, iżda mhux il-konnessjoni ma' speċifikazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari sa fejn dawn ikunu intiżi għal finijiet tas-sigurtà tal-karburanti jew għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

3. Fuq l-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' restrizzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti

48. Fl-Ungerija jeżistu żewġ liġijiet li jirregolaw it-tqegħid fis-suq tal-karburanti: id-Digriet Ministerjali u l-Att dwar id-dazju tas-sisa.

49. Id-Digriet Ministerjali Ungeriż, skont l-Artikolu 9 tiegħu, jimplementa l-kundizzjonijiet kwalitattivi tad-Direttiva dwar il-karburanti, kif kienu stabbiliti bid-Direttiva 2003/17 li temendaha. Barra minn hekk, id-Digriet Ministerjali nnifsu ma jinkludi l-ebda rekwiżit fir-rigward ta' karburanti tad-diżil li huma addizzjonali għall-verżjoni applikabbli tad-Direttiva dwar il-karburanti, bħal pereżempju valur limitu għall-punt ta' fjamabbiltà. Dan lanqas ma jiddikjara bħala vinkolanti legalment kwalunkwe kundizzjoni kwalitattiva addizzjonali inkluża fi standard nazzjonali jew Ewropew. Skont l-Artikolu 3(2) tad-Digriet Ministerjali tapplika sempliċement is-suppożizzjoni li karburanti li jikkonformaw mar-rekwiżiti skont l-istandard nazzjonali applikabbli jew l-istandard Ewropew korrispondenti jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Digriet Ministerjali.

18 — Madankollu, id-Direttiva 2009/30, li hija l-iktar reċenti li temendaha, fuq inizzjattiva tal-Parlament b'mod partikolari, tinkludi wkoll regoli li l-Qorti tal-Ġustizzja assoċjat mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Ara s-sentenza Afton Chemical (C-343/09, EU:C:2010:419, punti 48, 49, 55, 56, 88, 92 u 95). Dawn l-emendi, madankollu, għadhom ma humiex applikabbli fil-kawża prinċipali.

19 — Pipkorn, J., Bardenhewer-Rating, A., Taschner, H. C., fi: von der Groeben, H., Schwarze, J., (editur), *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft*, is-6 edizzjoni, Nomos, Baden-Baden 2003, Vol. 2, l-Artikolu 95 KE, p. 1436, punt 72, Tietje, S., fi: Grabitz/Hilf/Nettesheim (editur), *Das Recht der Europäischen Union*, t-43 aġġornament, Marzu 2011, l-Artikolu 114 TFUE, punt 146; Kahl, fi: Calliess/Ruffert (editur), *EU/EAUEU*, ir-4 edizzjoni, 2011, l-Artikolu 114 TFUE, punt 36; Leible/Schröder, fi: Streinz (editur), *EU/EAUEU*, it-2 edizzjoni, 2012, l-Artikolu 114 TFUE, punt 80.

20 — Sentenza Afton Chemical (C-343/09, EU:C:2010:419, punti 48, 49, 55, 56, 88, 92 u 95).

50. Ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti ma huwiex identifikabbli f'dan ir-rigward.

51. L-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009, li jikkonforma mal-istandard CEN EN 590:2009, tassew jinkludi kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali, b'mod partikolari valur limitu għall-punt ta' fjamabbiltà, madankollu skont l-Artikolu 6(1) tal-Att Ungeriż dwar l-istandardizzazzjoni, l-applikazzjoni ta' standard nazzjonali, bħala prinċipju, hija volontarja.

52. Madankollu, l-Att Ungeriż dwar id-dazju tas-sisa fl-Artikolu 110(13) jinkludi dispożizzjoni dwar il-bejgħ ta' karburanti tad-diżil: skont din id-dispożizzjoni, il-pompi tal-petrol jistgħu jbigħu biss karburanti tad-diżil li jikkonformaw mal-istandard Ungeriż applikabbli. B'dan il-mod, l-istandard u r-rekwiżiti addizzjonali tiegħu jsiru vinkolanti skont id-dritt Ungeriż.

53. Huwa minnu li l-Artikolu 110(13) tal-Att dwar id-dazju tas-sisa mal-ewwel daqqa t'għajn jirregola biss il-modalitajiet tal-bejgħ, jiġifieri liema prodotti jistgħu jinbiegħu mill-pompi tal-petrol. Iżda billi fil-prattika l-pompi tal-petrol huma l-uniku punt ta' bejgħ li l-utenti finali jużaw, fir-realtà huma kkonċernati rekwiżiti fir-rigward tal-prodott tal-karburant tad-diżil, li ma għandhomx jitqiesu li huma modalitajiet tal-bejgħ²¹.

54. L-ispeċifikazzjoni teknika tal-punt ta' fjamabbiltà, madankollu, ma hijiex ibbażata fuq raġunijiet ambjentali jew ta' saħħa, bħalma huwa prerekwiżit għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-karburanti skont l-Artikolu 1, iżda fuq aspetti ta' sigurtà u ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

55. Il-punt ta' fjamabbiltà ta' materjal jagħti indikazzjoni dwar il-perikolu tiegħu li jieħu n-nar u ta' splużjoni, jiġifieri huwa aspett sinjifikattiv tas-sigurtà tal-prodott. Dan fil-fatt jiddeskrivi l-iktar temperatura baxxa li fiha tant jevapora karburant li fl-arja jistgħu jiffurmaw taħlitiet fjamabbli²².

56. Barra minn hekk, fis-seduta l-partijiet kollha qablu li l-osservanza tal-punt ta' fjamabbiltà previst fl-istandard hija importanti għall-kapaċità funzjonali u l-protezzjoni tal-muturi tal-vetturi. Dan il-parametru għalhekk għandu wkoll l-għan li jħares il-konsumaturi mill-ħsarat fil-vetturi tagħhom.

57. Konsegwentement, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti ma huwiex applikabbli minn tal-inqas għall-ispeċifikazzjoni tal-punt ta' fjamabbiltà tal-karburant tad-diżil.

58. Din il-konklużjoni taqbel mal-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-premessa 31 tad-Direttiva 2009/30 li temendaha, jappella b'mod espliċitu sabiex l-istandard CEN EN 590:2004 jiġi aġġustat u sabiex jiġu stabbiliti valuri limitu għal parametri tekniċi li ma humiex inklużi fid-Direttiva dwar il-karburanti, fosthom il-punt ta' fjamabbiltà. Din it-talba ma tantx kienet tkun raġonevoli li kieku d-Direttiva dwar il-karburanti kienet tipprekludi tali rekwiżiti addizzjonali mill-bidu nett. Dan għaliex minkejja li standard CEN bħala tali ma huwiex vinkolanti, xorta jkun jagħmel sens li l-parametri inklużi fih isiru vinkolanti, għallinqas sa fejn dawn ikunu maħsuba għas-sigurtà tal-prodott.

59. L-assenza ta' rekwiżiti armonizzati fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tal-karburanti, li huma bbażati fuq aspetti ta' sigurtà, madankollu, fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' karburanti, ma jagħti lill-Istati Membri l-ebda libertà bla limitu biex jintroduċu tali speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali²³.

21 — Sentenzi Canal Satélite Digital (C-390/99, EU:C:2002:34, punt 30) u Dynamic Medien (C-244/06, EU:C:2008:85, punt 31).

22 — Ara, għad-definizzjoni teknika, pereżempju <http://www.urz.uni-heidelberg.de/saphelp/helpdata/DE/35/26bf45afab52b9e10000009b38f974/content.htm>, aċċessat l-aħħar darba fit-13 ta' April 2015.

23 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Fra.bo (C-171/11, EU:C:2012:176, punt 22); ara s-sentenzi Lidl Magyarország (C-132/08, EU:C:2009:281, punt 45), u Brandsma (C-293/94, EU:C:1996:254, punti 10 *et seq.*).

60. Sakemm qasam ma jkunx ġie armonizzat b'mod eżawrjenti fuq il-livell tal-Unjoni, fil-fatt Stat Membru jista' jissuġġetta t-tqegħid fis-suq ta' prodott biss għar-rekwiżiti li jikkorrispondu mal-obbligi tal-kuntratt, b'mod partikolari l-prinċipju ta' moviment liberu tal-prodotti kif stabbilit fl-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE²⁴. Barra minn hekk, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, dan jeħtieġ li jgħaddi lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34, abbozzi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt li jiddikjaraw bħala vinkolanti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, b'tali mod li jkun jista' jitwettaq kontroll preventiv abbażi tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-prodotti²⁵.

4. Fuq ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari

61. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel domanda preliminari għandha tingħata risposta fis-sens li d-Direttiva dwar il-karburanti tarmonizza kompletament biss l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-karburant tad-diżil li huma bbażati fuq raġunijiet ta' saħħa u ambjentali. Madankollu, minkejja l-projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-karburanti, Stat Membru ma huwiex prekluż mill jistabbilixxi speċifikazzjonijiet addizzjonali dwar il-karburanti, li jirrigwardaw aspetti ta' sigurtà, pereżempju valur limitu għall-punt ta' fjamabbiltà tal-karburanti tad-diżil.

B – *Fuq it-tieni domanda — in-natura vinkolanti ta' standards minbarra regolamenti tekniċi*

62. Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk mid-definizzjonijiet ta' "standard" fil-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 u ta' "regolament tekniku" fil-punt 11, jistax jiġi konkluż li għal qasam partikolari, minbarra regolament tekniku vinkolanti, jistax ikun hemm biss "standards" li ma humiex vinkolanti.

63. Il-bażi ta' din id-domanda apparentement hija li "standard" skont il-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 ma huwiex vinkolanti, iżda min-naħa l-oħra "regolament tekniku" skont il-punt 11 huwa vinkolanti.

64. Fl-Ungerija teżisti speċifikazzjoni teknika direttament vinkolanti għall-karburanti tad-diżil, jiġifieri d-Digriet Ministerjali li jimplementa d-Direttiva dwar il-karburanti. Permezz tal-Artikolu 110(13) tal-Att Ungeriż dwar id-dazju tas-sisa, barra minn hekk, madankollu, l-istandard Ungeriż applikabbli huwa vinkolanti għall-bejgħ ta' karburanti tad-diżil mill-pompi tal-petrol.

65. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ddikjarat, l-ewwel nett, li anki standard skont is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34 jista' jsir vinkolanti, billi Stat Membru jittrasponi standard Ewropew jew internazzjonali, pereżempju standard tas-CEN, f'regolament tekniku. Ma hija ċara l-ebda raġuni għala tali traspożizzjoni għandha tkun eskluża fil-każ ta' standards nazzjonali, b'mod partikolari jekk dawn l-istandards, min-naħa tagħhom, ikunu jikkonformaw mal-istandards CEN.

66. Barra minn hekk, id-Direttiva 98/34 ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni li tkun tista' tostakola Stat Membru milli jiddikjara bħala vinkolanti għadd ta' speċifikazzjonijiet tekniċi f'qasam partikolari.

67. Anki d-distinzjoni bejn standards mhux vinkolanti u regolamenti tekniċi vinkolanti ma teskludix l-eżistenza ta' diversi regolamenti tekniċi vinkolanti flimkien. Din id-distinzjoni hija sempliċement immirata lejn proċeduri ta' għoti ta' informazzjoni differenti, li huma stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 6 tad-Direttiva 98/34 għall-istandards, u fl-Artikoli 8 u 9 għar-regolamenti tekniċi.

24 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-432/03, EU:C:2005:669, punt 35). Ara wkoll is-sentenza Toolex (C-473/98, EU:C:2000:379, punt 33).

25 — Ara s-sentenzi CIA Security International (C-194/94, EU:C:1996:172, punt 40), Lidl Italia (C-303/04, EU:C:2005:528, punt 22), Sandström (C-433/05, EU:C:2010:184, punt 42) u Belgische Petroleum Unie et (C-26/11, EU:C:2013:44, punt 49).

68. Jekk l-applikazzjoni parallela ta' diversi regoli tkun tiġġustifika dubji dwar l-istandard rispettiv li għandu jiġi osservat, din tista' tqajjem domandi relatati mad-dritt tal-Unjoni biss jekk huma affettwati regoli preskritti mid-dritt tal-Unjoni. Hawnhekk, għal dan il-għan, huma kkonċernati l-ispeċifikazzjonijiet tad-Direttiva dwar il-karburanti, iżda t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi l-ebda indikazzjoni li l-applikazzjoni tagħhom qiegħda tiġi ristretta fl-Ungerija. Fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 98/34 ma tinkludi l-ebda dispożizzjonijiet dwar tali kunflitti ta' regolamenti.

69. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-Direttiva 98/34 ma tipprojbixx lill-Istati Membri milli, filwaqt li jkun japplika regolament tekniku, f'dispożizzjoni leġiżlattiva, jipprevedu l-applikazzjoni obbligatorja ta' standard nazzjonali addizzjonali promulgat f'dan il-qasam.

C – Fuq it-tielet domanda — disponibbiltà bil-lingwa tal-pajjiż

70. Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk standard nazzjonali li fil-mument li fih, skont il-fehma tal-awtorità, kien jeħtieġ jiġi applikat, ma kienx disponibbli bil-lingwa tal-pajjiż, jissodisfax il-kriterju tal-aċċessibbiltà għall-pubbliku kif stabbilit għal standard nazzjonali fil-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34.

71. Din id-domanda tirreferi għall-fatt li l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009, fil-mument tal-ksur, skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, ma kienx disponibbli bil-lingwa Ungeriża iżda bl-Ingliż biss.

72. Meta jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod iżolat, ma huwiex ċar kemm huwa sinjifikattiv biex tittieħed deċiżjoni fil-kawża prinċipali l-fatt jekk l-istandard Ungeriż huwiex konformi mad-definizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34. Għall-kuntrarju, jiena nifhem din id-domanda b'tali mod li ssaqsi jekk id-Direttiva 98/34 tipprekludix in-natura vinkolanti ta' speċifikazzjoni teknika, li ma hijiex aċċessibbli għall-pubbliku, peress li ma hijiex disponibbli bil-lingwa tal-pajjiż.

73. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett huwa dubju jekk id-disponibbiltà għall-pubbliku fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 tistabbilixx il-kundizzjoni ta' disponibbiltà bil-lingwa tal-pajjiż. Dan il-kriterju, fil-fatt, ma jissemmiex biss b'raba ma' standards nazzjonali, iżda wkoll għal standards Ewropej u internazzjonali. Madankollu, l-aħħar żewġ tipi ta' standards imsemmijin ma humiex disponibbli bil-lingwa tal-pajjiż fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fil-fatt, il-lingwi uffiċjali tas-CEN/CENELEC huma l-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiz²⁶. F'dan ir-rigward ma huwiex neċessarju li standard ikun disponibbli bit-tliet lingwi kollha kemm huma. Minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien jeħtieġ ikun informat dwar din iċ-ċirkustanza, ma jistax ikun preżunt li l-aċċessibbiltà għall-pubbliku timplika d-disponibbiltà bil-lingwa tal-pajjiż inkwistjoni.

74. F'din il-kawża, madankollu, ma jridx jiġi deċiż jekk dan japplikax ukoll għal standards nazzjonali. Dan minħabba li din il-kawża ma tirrigwardax l-effetti ta' standard bħala speċifikazzjoni teknika mhux vinkolanti, iżda *n-natura vinkolanti* ta' speċifikazzjonijiet li huma inklużi fi standard. Għaldaqstant, hija kkonċernata l-effettività ta' regolamenti tekniċi fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34.

75. Id-definizzjoni ta' regolament tekniku, madankollu, la tinkludi l-karatteristika tal-aċċessibbiltà għall-pubbliku u lanqas indikazzjoni dwar il-lingwa tad-dispożizzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dispożizzjoni fid-Direttiva 98/34 dwar l-applikazzjoni ta' regolamenti tekniċi, li tirreferi għal-lingwa li huma miktuba biha.

76. Konsegwentement, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li d-Direttiva 98/34 ma tirrikjedix li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli r-regolamenti tekniċi bil-lingwa uffiċjali tagħhom.

26 — Ara t-Taqsima 8 tal-Parti 2 tar-Regoli Proċedurali tas-CEN/CENELEC – Regoli komuni għax-xogħol ta' standardizzazzjoni, http://boss.cen.eu/ref/IR2_D.pdf, aċċessat l-aħħar fit-13 ta' April 2015.

V – Konklużjoni

77. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari kif ġej:

- 1) Id-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tarmonizza bis-sħiħ biss l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-karburant tad-diżil li huma bbażati fuq raġunijiet ta' saħħa u ambjentali. Madankollu, il-projbizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/70, ma tipprekludix lil Stat Membru milli jistabbilixxi speċifikazzjonijiet addizzjonali dwar il-karburanti, li jirrigwardaw raġunijiet ta' sigurtà, pereżempju valur limitu għall-punt ta' fjamabbiltà tal-karburanti tad-diżil.
- 2) Id-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi, u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika kif emendata bid-Direttiva 2006/96/KE, ma tipprobixxix lill-Istati Membri milli, filwaqt li jkun japplika regolament tekniku, jimponu l-applikazzjoni obbligatorja ta' standard nazzjonali addizzjonali promulgat f'dan il-qasam f'dispożizzjoni leġiżlattiva.
- 3) Id-Direttiva 98/34 ma tirrikjedix li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli r-regolamenti tekniċi fil-lingwa uffiċjali tagħhom.